MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Numru. 258/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**MARIO BUGEJA bin Francis u Mary nee' Haber residenti Ave Maria, Triq Zhawri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 28472G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARIO BUGEJA** bin Francis u Mary nee' Haber residenti Ave Maria, Triq Zhawri, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 28472G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fid-dsatax ta' Mejju, 2003 ghall-habta tal-hdax u kwart ta' bil-lejl u fil-jiem ta' qabel bhala l-licenzjat tal-grocer bl-isem ta' "Ta' Cenc Discount Store" li jnsab fi Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, ikkawza nkonvinjent lill-girien bi storbju permezz ta' makkinarju (air condition u freezer) li ghandu

installat fl-istess fond b'mod partikolari fis-sighat ta' mistrieh ta' matul il-lejl.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tordna t-tnehhija ta' l-imsemmi inkonvenjent taht penali fin-nuqqas.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom r-relazzjoni tal- Perit Valerio Schembri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil Perit Valerio Schembri 'n eskuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 ghal akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil parte civile tiddikjara li s-sitwazzjoni llum m'ghadiex kif kienet u li George Cutajar u Raymond Spiteri llum jinsabu sodisfatti bix-xogholijiet li saru.

Ghalhekk **il-Qorti,** war li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat MARIO BUGEJA hati tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------